*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliar-Monguiral, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Settembru 2009 (Każ R 397/2009-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali KOMPRESSOR PLUS bħala trade mark Kommunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *LG Electronics, Inc. għandha tbati l-ispejjeż.*

(1) ĠU C 37, 13.02.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2010 — Baena Grupo vs UASI — Neuman u Galdeano del Sel (figura bilqiegħda)**

**(Kawża T-513/09)** (1)

***("Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta figura bilqiegħda — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti — Raġuni għal invalidità — Karattru individwali — Impressjoni globali differenti — Artikolu 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002")***

(2011/C 46/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* José Manuel Baena Grupo, SA (Santa Perpètua de Mogoda, Spanja) (rappreżentant: A. Canela Giménez, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Herbert Neuman (Tarifa, Spanja) u Andoni Galdeano del Sel (Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI, tal-14 ta' Ottubru 2009 (Każ R 1323/2008-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Herbert Neuman u Andoni Galdeano del Sel, minn naħa, u José Manuel Baena Grupo, SA, min-naħa l-oħra.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-14 ta' Ottubru 2009 (Każ R 1323/2008-3) hija annullata.*

(2) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn José Manuel Baena Grupo, SA. Herbert Neuman u Andoni Galdeano del Sel għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

(1) ĠU C 51, 27.02.2010.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Diċembru 2010 — Apostolov vs Il Kummissjoni**

**(Kawża T-73/10 P)** (1)

***("Appell — Servizz pubbliku — Reklutaġġ — Kompetizzjoni — Ċaħda tal-kandidatura — Terminu għall-preżentata ta' appell — Dewmien — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat")***

(2011/C 46/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Svetoslav Apostolov (Saarwellingen, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Schneider-Addae-Mensah, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-15 ta' Diċembru 2009, Apostolov vs Il-Kummissjoni (F-8/09, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), u intiż b'mod partikolari għall-annullament ta' dan id-digriet.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud*

(2) *Svetoslav Apostolov għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

(1) ĠU C 100, 17.04.2010

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2010 — Natura Selection vs UASI — Afoi Anezoulaki (natur)**

**(Kawża T-549/10)**

(2011/C 46/27)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Natura Selection, SL (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: E. Sugrañes Coca, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Afoi Anezoulaki AE trading bħala FIERATEX S.A. (Kilkis, il-Greċja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' Settembru 2010 fil-Każ R 217/2010-2;

— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-4 ta' Diċembru 2009;

— tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 6908214 mogħtija mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għal "tvalji"; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "natur" għal prodotti fil-klassi 24 — applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 6908214

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* It-trade mark Komunitarja rreġistrata taħt in-Nru 2016384 tat-trade mark figurattiva "natura selection" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 14, 16, 20, 25, 35, 38, 39, u 42; it-trade mark Komunitarja rreġistrata taħt in-Nru 2704948 tat-trade mark figurattiva "natura" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 14, 25 u 35; it-trade mark Komunitarja rreġistrata taħt in-Nru 3694627 tat-trade mark figurattiva "natura casa" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 20, 35 u 39; it-trade mark Komunitarja rreġistrata taħt in-Nru 4713368 tat-trade mark figurattiva "natura" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 14, 20, 25 u 35; it-trade mark internazzjonali rreġistrata taħt in-Nru 642074 tat-trade mark figurattiva "natura selection" għal servizzi fil-klassi 39; it-trade mark Spanjola rreġistrata taħt in-Nru 1811494 tat-trade mark figurattiva "natura selection" għal servizzi fil-klassi 39; is-sinjal ta' stabbiliment nazzjonali Spanjol irreġistrat taħt in-Nru 251725 tat-trade mark figurattiva "natura selection" għall-attività li ġejja "stabbiliment iddedikat għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti ta' rigali"; is-sinjal ta' stabbiliment nazzjonali Spanjol irreġistrat taħt in-Nru 252321 tat-trade mark figurattiva "natura selection" għall-attività li ġejja "stabbiliment iddedikat għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti ta' rigali"; is-sinjal ta' stabbiliment nazzjonali Spanjol irreġistrat taħt in-Nru 208780 tat-trade mark "NATURA SELECTION, S.L." għall-attività li ġejja "stabbiliment iddedikat għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti ta' rigali. Stabbilit f'Barcelona".

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni milqugħa għal parti mill-prodotti kkontestati

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell assuma b'mod żbaljat li ma kienx hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks minħabba nuqqas ta' xebh bejn it-trade marks u bejn il-prodotti.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2010 — HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-562/10)**

(2011/C 46/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Kienzle u M. Schlingmann, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010, tal-25 ta' Ottubru 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż, b'mod partikolari dawk sostnuti mir-rikorrenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv: ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti.

— Ir-rikorrenti ssostni f'dan ir-rigward li l-Kunsill kiser id-dritt tagħha għal protezzjoni legali effettiva u b'mod partikolari r-rekwiżit ta' motivazzjoni, peress li ma pprovdiex raġunijiet suffiċjenti sabiex jinkludiha fl-Anness VIII tar-regolament ikkontestat.

— It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill naqas, għalkemm kien ġie mitlub speċifikament, milli jipprovdi motivi jew opinjoni u l-provi rilevanti sabiex jiġġustifika l-inklużjoni tar-rikorrenti fl-Anness VIII tar-regolament ikkontestat.

— Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tilmenta fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha li l-Kunsill kiser id-dritt għal smigħ tagħha, sa fejn huwa naqas milli jagħti lir-rikorrenti l-opportunità, hekk kif stabbilita fl-Artikolu 36(3) u (4) tar-regolament ikkontestatat sabiex tippreżenta osservazzjonijiet dwar l-inklużjoni tagħha fil-lista ta' persuni sanzjonati, li kien iwassal sabiex il-Kunsill kien ikollu jeżamina mill-ġdid din il-kwistjoni.